MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 38/2011

**Patrick Spiteri (ID 43465M)**

***kontra***

**Avukat Generali u Sylvana Spiteri ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-21 ta` Gunju 2011 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrent kien istitwixxa proceduri kontra l-intimata Sylvana Spiteri ghal annullament taz-zwieg li kien sehh fit-3 ta` Dicembru 1997 u permezz ta` sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fit-30 ta` Marzu 2011 iz-zwieg taghhom gie dikjarat null u bla effett ;*

*Illi permezz ta` rikors ta` appellipprezentat mill-intimata fid-19 ta` April 2011 hija pprezentat appell minn din is-sentenza u l-proceduri fir-rigward tan-nullita` taz-zwieg jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell ;*

*Illi tali proceduri huma dawk fl-ismijiet Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri (rapportati bhala YW vs CW) bir-rikors numru 55/2009 ;*

*Illi l-intimata kienet qabel istitwiet proceduri kontra r-rikorrent Patrick Spiteri ghal separazzjoni personali, liema proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fl-ismijiet Sylvana Spiteri vs. Patrick Spiteri, Rikors Numru 261/07JA ;*

*Illi l-imsemmija proceduri ghal separazzjoni personali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja ;*

*Illi fil-mori tal-proceduri ghal separazzjoni personali u permezz ta` digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fil-11 ta` Jannar 2008, ir-rikorrent kien gie ordnat ihallas manteniment ta` seba` mitt ewro (€700) fix-xahar ghall-intimata u dak ta` tliet mija u hamsin Ewro fix-xahar (€350) ghal binhom minuri ;*

*Illi huwa ghamel zmien ihallas l-imsemmi manteniment kif ordnat izda wara bdil fic-cirkostanzi*

*finanzjarji tieghu huwa ma setax jibqa` jhallas dan l-ammont ta` manteniment ;*

*Illi permezz ta` rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-25 ta` Marzu 2010 huwa kien talab lil Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, sabiex tvarja d-digriet originali taghha tal-11 ta` Jannar 2008 u dan billi 'tillibera lill-esponent minn kull hlas ta` manteniment versu l-attrici; 2. fin-nuqqas tnaqqas l-istess ammont ta` manteniment ghal perjodu limitat ta` zmien sa liema data l-attrici jkollha bizzejjed zmien sabiex issib impjieg bi qligh u b`effett minn tali data l-attrici tibda tmantni lilha nnifisha' ;*

*Illi f`tali rikors huwa kien indika l-bdil fic-cirkostanzi finanzjarji li kienu qeghdin jaghmluha impossibbli ghalih li jhallas l-ammont ta` manteniment ordnat fid-digriet tal-11 ta` Jannar 2008 izda permezz ta` digriet in camera moghti mill-imsemmija Qorti fis-7 ta` Mejju 2010 it-talba tieghu ghal varjazzjoni tad-digriet ta` Jannar 2008 giet michuda ;*

*Illi permezz ta` rikors ipprezentat fit-2 ta` Gunju 2010 ir-rikorrent kien talab lil dik l-Onorabbli Qorti taghtih il-permess mehtieg fil-ligi sabiex huwa jkun jista` jipprezenta appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell mid-digriet moghti minnha fis-7 ta` Mejju 2010 ;*

*Illi permezz ta` digriet mahrug fit-3 ta` Gunju 2010 dik il-Qorti ddecidiet illi kellha tipprovdi fuq ir-rikors fl-udjenza tal-kawza u fl-udjenza mizmuma fit-18 ta` Gunju 2010 il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent ;*

*Illi b`hekk minkejja li ghad ma hemmx sentenza finali li tiddeciedi l-kwistjoni ta` manteniment ir-rikorrent tqieghed f`posizzjoni li ma setax jaderixxi mad-digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja ;*

*Illi wara l-bdil fic-cirkostanzi tar-rikorrent huwa kien f`qaghda li ma kinitx tippermettilu jhallas il-manteniment u ghalhekk ma hallasx is-somma likwidata mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja ;*

*Illi l-intimata Sylvana Spiteri pprezentat kwereli lill-Ufficjali tal-Pulizija u talbithom iressqu kontra r-rikorrent proceduri ghal nuqqas ta` hlas tal-manteniment ordnat mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja ;*

*Illi fost tali proceduri hemm dawk li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell wara li r-rikorrent instab hati li naqas milli jhallas il-manteniment ghax-xhur ta` bejn Frar u Settembru 2010, kif ukoll dawk pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn huwa qieghed jigi akkuzat ukoll li naqas milli jhallas il-manteniment izda ghax-xhur ta` Ottubru 2010 sa Frar 2011 u li huwa recediv ;*

*Illi b`hekk ir-rikorrent ghab-bazi ta` digriet provizorju qieghed jigi assoggettat ghal proceduri ta` natura penali li ghandhom ukoll kundanna ta` habs u dan wara li huwa gie mcahhad milli jressaq appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell ghal varjazzjoni tal-manteniment li huwa kien ordnat li jhallas gahb-bazi tal-bdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu ;*

*Illi dan qieghed lir-rikorrent f`pozizzjoni fejn huwa gie mcahhad minn access ghal qorti u mid-dritt ta` appell dwar il-kwistjoni ta` manteniment minnu dovut u in oltre dan qieghed jirrekalu ukoll pregudizzju billi esponih ghal proceduri kriminali li jwasslu ghad-deprivazzjoni tal-liberta` tieghu u dan kontra d-dritt ghal smigh xieraq kif protett taht artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. tiddikjara li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq taht artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jinkorpora fih id-dritt ghal access ghal qorti u d-dritt ta` appell gie vjolat meta huwa gie mcahhad milli jirrikorri quddiem il-Qorti ta` l-Appell sabiex ifittex il-varjazzjoni ta` digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fil-11 ta` Jannar 2008 u dan tramite d-digriet moghti mill-istess Qorti fis-7 ta` Mejju 2010 u dan anke fid-dawl tal-pregudizzju li qieghed jigi rrekat lir-rikorrent taht il-ligi penali ;*

*2. taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li tiddikjara li d-digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fis-7 ta` Mejju 2010 huwa null u bla effett, tiffissa terminu sabiex ir-rikorrent ikun jista` jressaq l-appell tieghu quddiem il-Qorti ta` l-Appell, taghti direzzjoni li f`kaz li jkun hemm varjazzjoni tal-manteniment dovut mir-rikorrent tali varjazzjoni tkun applikabbli sa mid-data tal-prezentata tat-talba ghall-imsemmija varjazzjoni.*

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali prezentata fit-12 ta` Awissu 2011 li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari, hija l-umli fehma ta` l-esponent li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-proviso ta` l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 in kwantu mir-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrent ezawrixxa li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat li kienu disponibbli favur tieghu ai termini ta` l-artikolu 229(4) tal-Kap.12. Inoltre l-artikolu 230 tal-Kap.12 jipprovdi li digreit interlokutorju ma jaghmlux gudikat ghall-qorti li tkun tathom meta tingieb raguni sewwa u ghalhekk xejn ma josta lir-rikorrent jerga` jitlob lil dik l-Onorabbli Qorti tirrevoka jew tvarja d-digriet taghha tal-11 ta` Jannar 2008 dwar il-manteniment li r-rikorrent*

*ghandu jhallas ghall-konvenuta Sylvana Spiteri u ghall-ibnu minuri pendente lite ;*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat ksur tad-dritt tas-smigh xieraq a tenur ta` l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*a. Illi fl-ewwel lok huwa opportun li r-rikorrent jipprezenta kopji legali ta` l-atti kollha li ghalihom jaghmel referenza fir-rikors promotur u li huma rilevanti sabiex din l-Onorabbli Qorti kif ukoll l-esponent ikollhom stampa cara u dettaljata tal-fatti li allegatament taw lok ghal ksur ta` dritt ta` smigh xieraq ;*

*b. Illi effettivament ir-rikorrent ghandu access ghal qorti. Prova ta` dan huma proprju l-proceduri bin-numru 261/07JA fl-ismijiet Spiteri Sylvana vs Spiteri Patrick fejn jirrizulta li l-partijiet ma naqsux milli jaghmlu talbiet varji lil dik l-Onorabbli Qorti u liema talbiet dejjem gew ikkunsidrati u dekretati ;*

*c. Illi minn verifiki li ghamel l-esponent jirrizulta li fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2010, l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza numru 261/2007 fl-ismijiet Spiteri Sylvana vs Spiteri Patrick iddisponiet mir-rikors tat-2 ta` Gunju 2010 tar-rikorrent (konvenut f`dawk il-proceduri) billi wara li rat l-Art. 229 tal-Kap. 12, cahdet it-talba tieghu ghal permess specjali biex jaghmel appell mid-digriet taghha tas-7 ta` Mejju 2010 ;*

*d. Illi l-fatt li r-rikorrent ma giex awtorizzat jappella mid-digriet ta` dik l-Onorabbli Qorti f`dak l-istadju tal-proceduri ma jfissirx li huwa kien qieghed jigi mcahhad mid-dritt ta` l-appell liema dritt jista` jigi ezercitat f`kull kaz wara l-ghoti tas-sentenza definittiva kif trid il-ligi ;*

*e. Illi effettivament, l-artikolu 229 tal-Kap. 12 jipprovdi li mhux kull digriet jista` jsir appell minnu qabel*

*ma tinghata sentenza definittiva u l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet qeghda semplicement issegwi l-procedura, liema procedura hija ntiza biex tizgura li l-partijiet jinghataw smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli ;*

*f. Illi inoltre`, id-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta` mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrent li qed jallega l-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq unikament a bazi tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-18 ta` Gunju 2010 ;*

*g. Illi l-fatt li r-rikorrent qed jigi assoggettat ghal proceduri ta` natura penali li ghandhom ukoll kundanna ta` habs, mhux il-konsegwenza tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-18 ta` Gunju 2010 kif qed jallega r-rikorrent, izda huwa biss il-konsegwenza tal-fatt li huwa naqas mill-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment li dik l-Onorabbli Qorti ordnatlu jhallas fil-11 ta` Jannar 2008 ;*

*h. Illi bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti f`din is-sede ghandha l-kompitu illi tara kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanciti fil-Kostituzzjoni ta` Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi d-digrieti tal-Qrati l-ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le [Qorti Civili Prim`Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) 'J.E.M. Investments Limited vs. Avukat Generali u b`digriet tat-22 ta` Mejju 2008 gie kjamat in kawza Norman Buckle in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Ltd. u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B&B Property Development Company Ltd.' deciza fid-9 ta` Novembru 2010]. Dan qieghed jinghad in vista tal-fatt li minkejja li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta` Mejju 2010 <u>cahdet it-talba tar-rikorrent</u> ghal revoka jew varjazzjoni tad-digriet taghha tal-11 ta` Jannar 2008 dwar il-manteniment li r-rikorrent ghandu jhallas ghall-konvenuta Sylvana Spiteri u ghall-ibnu minuri pendente lite <u>in kwantu ma ppruvax a sodisfazzjon ta` dik il-Qorti l-allegat bdil fic-cirkostanzi teighu</u>, l-istess rikorrent ghadu jinsisti u jallega li qaghda tieghu ma tippermettix li*

*hlas il-manteniment ta` seba` mitt ewro (€700) fix-xahar ghall-konvenuta Sylvana Spiteri u ta` tlett mija u hamsin ewro fix-xahar (€350) ghal binhom minuri u qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara l-istess digriet tas-7 ta` Mejju 2010 null u bla effett, liema talba hija bir-rispett kollu insostenibbbli ;*

*i. Illi jsegwi wkoll li r-rimedji mitluba, dato ma non concesso li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, ma jistghux jigu akkolti.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat ir-risposta tal-intimata Sylvana Spiteri prezentata fid-9 ta` Novembru 2011 li taqra hekk –

*1. ILLI ghandu jinghad umilment fl-ewwel lok illi r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju u intiz unikament sabiex jiddelunga proceduri sabiex l-esponenti tkun tista` tenforza digrieti ghal manteniment taghha u ta` iben il-kontendenti u dana peress illi tali proceduri jinsabu sospizi pendenti l-ezitu ta` l-azzjoni odjerna ;*

*2. ILLI huwa evidenti mir-rikors promotur illi r-rikorrenti gia` gie kkundannat diversi drabi ghaliex naqas illi jottempera ruhu ma` ordni tal-Qorti ghal ebda raguni valida. Huwa biss issa f`dan l-istadju wara li ilu erba` snin minghajr success jadixxi lill-Qorti li quddiemha qed tinstema` l-kawza ta` separazzjoni sabiex tezonerah mill-obbligu tieghu sabiex jivversa manteniment lill-martu u lill-wild tieghu, li qed allega ksur ta` dritt fundamentali unikament sabiex jikkawza aktar sofferenzi lil min tenut imantni ;*

*3. ILLI ghandu jinghad ukoll illi r-rikors kif esperit huwa nsostenibbli stante illi r-rikorrenti ma ezawrixxiex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti, qabel ma giet esperita l-istanza odjerna. Dana stante illi hawn si tratta digriet pendente lite moghti skond id-dispost ta` Artikolu 37 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, li kif inhu ben risaput, tali digriet jista` jigi varjat kemm-il darba jirrizulta bic-car li kien hemm bdil fic-cirkostanzi ta` min jivversah. Dan jirrizulta ben car mis-subinciz 7 ta` l-artikolu precitat li jipprovdi 'Id-digriet u l-ordni msemmija f`dan l-artikolu jistghu biss jigu riveduti, mibdula jew revokati fuq rikors maghmul mill-parti li titlob dik ir-revizjoni, dak it-tibdil, jew dik ir-revoka' ;*

*4. ILLI ghalhekk jinghad umilment illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda impediment sabiex jintavola rikors iehor bit-talbiet kif postulati fir-rikors li ta lok ghal din l-azzjoni u adixxa lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) biex jitlob varjazzjoni u/jew revoka tad-digriet minnu lament bhal ma ilu jaghmel ghal dawn l-ahhar snin ;*

*5. ILLI umilment ghandu jigi rilevat ghall-kompletezza illi l-istess ligi tipprovdi ulterjorment illi anke fi stadju fejn id-digriet ikun wiehed finali peress illi kawza ghal separazzjoni personali tkun giet deciza, hemm provdut, f`artikolu 54.7 illi kull parti tista` titlob lill-Qorti tvarja l-ammont ta` manteniment versat;*

*6. ILLI ghalhekk huwa evidenti illi fil-kaz odjern ir-rimedji ordinarji ma gewx ezawriti qabel ma r-rikorrent adixxa lil din l-Onorabbli Qorti ;*

*7. ILLI ghandu jinghad ukoll illi f`dana l-kuntest gie ritenut 'Illi l-funzjoni li din il-Qorti trid twettaq fl-istharrig taghha ta` l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali mressaq mir-rikorrent m`ghandux jissarraf f`appell iehor mis-sentenza kontestata. Fuq dan, jaqbel ir-rikorrent*

*ukoll. Din il-Qorti hija moghtija s-setgha li, f`kaz ta` lment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgieba ta` kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda din is-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali m`ghandhomx iqisu jekk il-Qorti mixlija bi ksur ta` jedd ta` smigh xieraq ikkommettewx zball ta` ligi jew ta` fatt fid-decizjonijiet taghhom. Hija setgha limitata biex tqis jekk il-prokediment li minnu tressaq ilment ta` nuqqas ta` smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u "skond il-ligi" [PA (Sed Kost) 08/06/05 Noel Grech vs Avukat Generali et] ;*

*8. ILLI ghalhekk jigi umilment rilevat illi hawn huwa dak li qed jintalab lil din l-Onorabbli Qorti li tiddikjara digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) huwa null u bla effett, meta xejn ma pprekluda lill-istess rikorrenti illi jadixxi lill-istess Qorti li tat id-digriet li tirrevoka contrario imperio d-digriet lamentat.*

Rat ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent (fol 25 sa fol 28) flimkien mad-dokumenti li kienu hemm annessi (fol 29 sa fol 91).

Semghet ix-xiehda in kontroezami tar-rikorrent (fol 96 sa fol 100).

Rat in-nota b`dokumenti prezentata mill-Avukat Generali (fol 101 sa fol 113).

Semghet ix-xiehda tal-intimata Sylvana Spiteri (fol 114 sa fol 127).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-istess Sylvana Spiteri (fol 128 sa fol 130).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti moghti fl-udjenza tal-20 ta` Dicembru 2011 (fol sa fol) fejn, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet u, bla ma kienet qeghda tippronunzja ruhha dwar il-mertu tal-kawza tal-lum, tat ordni, bhala mizura *interim,* sabiex iz-zewg kawzi fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Patrick Spiteri"* li huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell jieqfu sakemm tkun deciza din il-kawza.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-20 ta` Dicembru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Fatti**

Bejn ir-rikorrent u l-intimata Sylvana Spiteri hemm kawza ghal dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg ta` bejniethom. Il-kawza bin-Nru. 55/2009 kienet istitwita mir-rikorrent. Permezz ta` sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta` Marzu 2011 (fol 83 et seq) iz-zwieg taghhom kien dikjarat null u bla effett. L-intimata appellat. L-appell kien deciz mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Novembru 2011 (fol 109 et seq). Fis-sentenza, il-Qorti tal-Appell hassret u rrevokat is-sentenza tat-30 ta` Marzu 2011 u rrinvijat l-atti lill-Ewwel Qorti biex tkompli tisma` l-kaz skond il-ligi.

Bejn l-istess kontendenti, hemm ukoll pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kawza ta`

separazzjoni personali. Din il-kawza bin-Nru. 261/2007 JA kienet istitwita mill-intimata. Fil-mori ta` din il-kawza, permezz ta` digriet tal-11 ta` Jannar 2008, ir-rikorrent kien ordnat ihallas manteniment ta` seba` mitt ewro (€700) fix-xahar ghall-intimata u tliet mija u hamsin Ewro fix-xahar (€350) ghal binhom minuri (fol 40)

Permezz ta` rikors tal-25 ta` Marzu 2010 (fol 74 et seq) ir-rikorrent talab lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tvarja d-digriet taghha tal-11 ta` Jannar 2008 fis-sens illi tilliberah minn kull hlas ta` manteniment lill-intimata jew fin-nuqqas tnaqqas l-ammont ta` l-manteniment ghal zmien limitat sabiex l-intimata jkollha bizzejjed zmien biex issib impjieg bi qligh u tibda tmantni lilha nnifisha.

Ir-ragunijiet illi gab ir-rikorrent sabiex isostni t-talba tieghu kif dedotta fir-rikors tal-25 ta` Marzu 2010 kienu –

…*kien qed ikun impossibbli ghalih li jlahhaq mal-pagament tal-manteniment ordnat u dana stante li c-cirkostanzi tieghu inbidlu ferm minn dakinhar li nhareg id-digriet su citat. Bizzejjed wiehed isemmi illi l-esponent nefaq ammont ta` flus ghal abitazzjoni temporanja alternattiva wara li gie zgumbrat mid-dar matrimonjali u kif ukoll kellu jerga` jixtri hafna affarijiet li kellu fl-istess dar* …

kif ukoll

… *l-attrici hija komda bis-sitwazzjoni kif inhi u cioe` li tircievi €700 fix-xahar minghajr ma taghmel imqar l-icken sforz biex issib impieg. U dan minkejja li l-attrici hija persuna kwalifikata fil-Merchandising, illi huwa branka tal-Marketing. L-esperjhenza zgur mhux nieqsa minnha stanete li hi waqfet tahdem biss meta l-partijiet kellhom il-minuri. Fost il-postijiet tax-xoghol li kellha kien hemm l-impieg mad-Dhalia Real Estate u kienet inkarikgata mid-dipartiment tal-letting.*

Permezz ta` digriet taghha *in camera* tas-7 ta` Mejju 2010 (fol 77), il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent billi sabet li ma kienx hemm bdil fic-cirkostanzi.

Fit-2 ta` Gunju 2010 ir-rikorrent ipprezenta rikors fejn talab lill-Qorti biex taghtih permess jappella minn dak id-digriet. Kienet iffissata udjenza fit-18 ta` Gunju 2010 u f`dik l-udjenza kienet michuda t-talba tar-rikorrent (fol 81).

Ir-rikorrent jallega li ma jistax ihallas il-manteniment minhabba l-qaghda finanzjarja tieghu.

Min-naha taghha, l-intimata pprezentat kwereli lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghaliex ma hallasx il-manteniment kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Fil-fatt kontra r-rikorrent kienu decizi zewg kawzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Sar appell minn dawn is-sentenzi.

Ir-rikorrent isostni illi ghax ma nghatax permess illi jappella mid-digriet tas-7 ta` Mejju 2010, huwa qieghed jigi assoggettat ghal proceduri ta` natura penali. Skond ir-rikorrent, ic-cahda tal-permess illi jappella tammonta ghal cahda ta` access ghal qorti u allura ghad-dritt ghal smigh xieraq skond l-Art.39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta (‘Kostituzzjoni’) u l-Art.6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (‘Konvenzjoni’) u qieghed espost ghal proceduri kriminali li jistghu jwasslu ghal telf tal-liberta` personali tieghu. Ghalhekk talab rimedju minn din il-Qorti.

Fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent fisser kif id-dhul tieghu *nbidel* (kliem ir-rikorrent) fl-2009 meta kumpannija fl-Italja li taghha kien direttur marret f`likwidazzjoni obbligatorja u ma baqax direttur ta` kumpannija ohra Taljana. Ighid li l-ispejjez tieghu zdiedu wara li kien ordnat b`digriet tal-Qorti

(fol 56) illi jallonta ruhu mid-dar taz-zwieg b`effett mill-15 ta` Awissu 2009. Isemmi cirkostanzi fejn martu harget mid-dar taz-zwieg oggetti ta` valur u bieghethom. Ighid illi fl-4 ta` April 2011 rega` talab lill-Qorti sabiex tvarja l-manteniment skond id-digriet tal-11 ta` Jannar 2008, fejn dan jikkoncerna lill-intimata, izda t-talba kienet michuda fit-12 ta` Mejju 2011 (fol 88) billi l-kawza ghad-dikjarazzjoni ta` nullita` taz-zwieg ma kenitx ghaddiet in gudikat. Fil-kontroezami, ir-rikorrent xehed illi huwa kien is-sid ta` fond bl-isem *Palazzo Gerxia,* Wied Annotta, Wardija, li kien parafernali tieghu, li kien fi stat hazin u kien jehtieg hafna flus biex jitranga.

Fl-affidavit taghha, l-intimata tirrespingi bhala mhux fis-sewwa dak allegat mir-rikorrent. Tikkontesta bhala mhux vera l-allegazzjoni tar-rikorrent illi ma ghandux biex ihallas il-manteniment taghha ghaliex ghandu biex ighix go villa f`Santa Maria Estate, il-Mellieha, mal-habiba tieghu, u biex ihallas ghal karozzi tal-kiri lussuzi. Lanqas ihallas il-mizati tal-iskola tat-tifel u l-ispejjez tat-trasport tat-tifel ghall-iskola. Taccetta li kienet bieghet xi pitturi biex tiekol hi u t-tifel Tichad li ghandha esperjenza ta` xoghol.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

**Ir-rikorrent ighid illi qieghed isejjes l-istanza tieghu fuq l-Art.39 tal-Kostituzjoni u l-Art.6 tal-Konvenzjoni.**

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-parti **<u>rilevanti</u>** ta` l-**<u>Art.39</u>** tal-Kostituzzjoni huwa **it-tieni subinciz (2)** li jaqra hekk –

*(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

Il-parti **rilevanti** ta` l-**Art.6** tal-Konvenzjoni ghall-kaz tal-lum huwa **l-ewwel subinciz (1)** li jaqra hekk -

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta` l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigororament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. Rimedji ordinarji**

Iz-zewg intimati taw eccezzjoni fis-sens illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond il-proviso tal-Art.46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso ta` l-Art.4(2) tal-Konvenzjoni billi skond l-intimati r-rikorrent ma kienx ezawrixxa r-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu wara d-digriet moghti fil-miftuh mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta` Gunju 2010. Min-naha tieghu, l-Avukat Generali jghid illi r-rikorrent seta` talab lill-qorti skond l-Art. 229(4) tal-Kap.12 biex

tikkonsidra mill-gdid il-provvediment taghha izda ma marx ghal din il-procedura.  Min-naha l-ohra, kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-intimata sostnew illi ma kien hemm l-ebda pregudizzjali ta` dritt kontra r-rikorrent illi f`kaz illi jipprova fil-futur illi jkun inbidlu tassew ic-cirkostanzi tieghu jitlob ir-revoka jew il-varjazzjoni tad-digriet tal-11 ta` Jannar 2008.

Il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti ta1 kompetenza "kostituzzjonali" taghzel li ma twettaqx is-setghat fuq il-bazi li r-rikorrent kellu rimedji ohrajn "ordinarji" huma llum-il gurnata stabbiliti b'mod konsistenti mill-qrati taghna.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha toqghod terga` tfissirhom, u ghalhekk qeghda tillimita ruhha billi tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "**Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**" (fost ohrajn) li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 li min-naha taghha kienet ikkonfermat sentenza ta` din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta` Gunju, 2005.

Jigi rilevat illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor, irid jintwera li dan ikun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se' jaghti lir-rikorrent success garantit.  Bizzejjed illi jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci. L-ezistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piz tal-prova biex jikkonvinci lill-Qorti sabiex biex taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha biex tisma' l-kawz.;

Huwa fatt ukoll li, minkejja li jista` jkun minnu li r-rikorrent seta` kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta wahda jibqaghlha dejjem id-diskrezzjoni li taghzel li tibqa' tisma' l-kawza. L-ezistenza

ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawza kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuza trid tkun wahda prudenti u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuza meta r-rikorrent ikun jidher li tassew ghandu disponibbli ghalih rimedju li, kieku uzat kif imiss, jista` jaghtih il-harsien tal-jedd li f'kawza bhal din jghid li qieghed igarrab ksur tieghu.

Meta tapplika dawn il-principji ta` dritt ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid illi mhijiex sodisfatta l-ksur tal-jedd lamentat mir-rikorrent jista` jkun indirizzat b`mod prattiku, effettiv u effikaci bir-rimedji "ordinarji" indikati mill-intimati. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tiddeklina mid-dritt taghha li tittratta l-kawza fil-mertu.

**Fic-cirkostanzi l-eccezzjonijiet tal-intimati dwar rimedji ordinarji kif dedotti qeghdin jigu michuda**.

**Ikkunsidrat :**

## V. Mertu - Gurisprudenza

Il-Qorti ta` Strasbourg fid-decizjoni taghha tat-28 ta` Mejju 1985 fil-kawza ta` *Ashingdane v. the United Kingdom (App. No. 8225/73)* qalet hekk –

*In its Golder judgment of 21 February 1975, the Court held that "Article 6 para.1 (art. 6-1) secures to everyone the right to have any claim relating to his civil rights and obligations brought before a court or tribunal" (Series A no. 18, p. 18, para. 36). This "right to a court", of which the right of access is an aspect, may be relied on by anyone who considers on arguable grounds that an interference with the exercise of his (civil) rights is unlawful and complains that he has not had the possibility*

*of submitting that claim to a tribunal meeting the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1) …*

*Furthermore, in the "contestations" (disputes) contemplated by Article 6 para. 1 (art. 6-1) it may be the actual existence of a "civil right" which is at stake …*

*Certainly, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations ; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" (see the above-mentioned Golder judgment, p. 19, para. 38, quoting the "Belgian Linguistic" judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, p. 32, para. 5). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court, it is no part of the Court's function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field (see, mutatis mutandis, the Klass and Others judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, p. 23, para. 49).*

*Nonetheless, the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired …*

*Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para. 1 (art. 6-1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved.*

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Mertu - Dottrina</u>**

Din il-Qorti sejra tqis fil-qosor *the right to a fair trial* b`mod generali.

L-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb **"Law of the European Convention on Human Rights**" - Second Edition – 2009 – Oxford - ighidu hekk - fil-pagna 201 :

*The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

Ikomplu hekk fil-pagna 202 –

***The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial****.* (enfasi ta` din il-Qorti)

Izjed fil-pagna 204 –

***In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.***
(enfasi ta` din il-Qorti)

Fil-pagna 224 jinghad –

*Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to*

*a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** - Fourth Edition – Intersentia – 2006 jaghmlu din l-analizi fil-pagna 578 –

*When is a hearing fair ? In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.*

Riferibbilment ghall-kwistjoni partikolari li biha din il-Qorti hija rinfaccjata fil-kawza tal-lum u cioe` "il-permess specjali biex isir appell minn digriet interlokutorju", **l-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick** (op. cit.) ighidu hekk fil-pag.234 –

***Whereas Article 6 applies applies to the execution of final judgements, it does not govern interlocutory court proceedings.*** *These include a challenge to the composition of a court, a request for interim relief,* ***an application for leave to appeal*** *or an application to re-open a civil case …*

*The Court`s generally negative approach in respect of interlocutory proceedings is based on the view that a person`s rights and obligations are only being determined in the sense of Article 6(1) when they are being ruled upon on the merits. While this is a tenable interpretation, it is not a necessary one and does not recognize the importance that decisions taken in interlocutory proceedings may have for the outcome of the case on the merits. An interpretation that included interlocutory proceedings would be more in accordance with a right of effective access to a court and with a purposive, human*

*rights reading of the Convention.* (sottolinear u enfasi ta` l-qorti)

Fil-kaz ta` *application for leave to appeal,* l-awturi jaghmlu riferenza ghal "*Porter v UK*" No. 12972/87, 54 DR 2007 (1987) u "*Hautakangas v Finland*" No. 61560/00 Hudoc (2004) DA.

Fl-istess vena jikkumentaw **l-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak** (op. cit.) pag.566.

Fil-pag. 565 dawn l-awturi jghidu hekk –

**…** *if domestic law provides for the remedy of appeal, access to that remedy may not be limited in its essence or in a disproportionate way. If its limitation has a discriminatory effect, this amounts to a violation of Article 6 …*

*Article 6 does nor debar states from laying down regulations governing the access to an appellate or cassation cpourt provided that their purposes is to ensure the property administrationn of justice*

**Karen Reid** fil-pag. 85 ta` *A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights* (Third Edition - Thomson – Sweet & Maxwell) tigbor il-kwistjoni kollha bil-mod segwenti –

*The right of access to court is not absolute however but subject to limitations. By its very nature, the Court has said, it calls for regulation by the State, which may vary in time and place according to the needs and resources of the community and individuals. The State has a margin of appreciation in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way as or to such an extent that the very essence of the right is impaired. In addition, a*

*limitation will not be incompatible with Article 6 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved.*

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Mertu - Risultanzi</u>**

In kwistjoni fl-istanza tal-lum huwa jekk bid-digriet taghha tat-18 ta` Gunju 2010 fejn il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma tatx permess specjali lir-rikorrent illi jappella minn digriet taghha tas-7 ta` Mejju 2010 fejn kienet michuda t-talba tar-rikorrent ghal varjazzjoni fl-obbligu li jhallas manteniment lill-intimata (kif dedotta f`rikors tieghu tal-25 ta` Marzu 2010) kienx ir-rikorrent privat mid-dritt ta` access ghal qorti u mid-dritt ta` appell, u allura sehh ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, kif tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, li skond ir-rikorrent jista` twassal ghal privazzjoni tad-dritt ghal-liberta` personali.

Fl-ordinament guridiku taghna, id-dritt ta` appell fil-qrati kemm minn sentenzi kif ukoll minn digrieti huwa regolat mill-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta. Mela anke ghas-sitwazzjoni li dwarha qieghed jilmenta r-rikorrent hemm kontemplat appell kif determinat *ex lege*.

Rinfaccjata kif kienet bit-talba tar-rikorrent ghal permess illi jappella, il-qorti mxiet mad-dettami tad-disposizzjoni tal-Kap.12 li tghodd ghall-kaz tal-lum u halliet il-kwistjoni sabiex tigi trattata fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2010. Ghal dik l-udjenza kienu prezenti l-intimata odjerna u d-difensur tar-rikorrent odjern. Wara li l-qorti semghet lill-partijiet, tat provvediment fejn skond l-Art.229 tal-Kap.12, u allura evidentement ghaliex ma kenitx tal-

fehma illi kien ikun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tinghata s-sentenza definittiva, cahdet it-talba tar-rikorrent.

Din il-Qorti qieset bir-reqqa kif svolgew il-fatti fil-kawza in kwistjoni, fl-isfond ta` dak li jipprovdu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza, u tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni illi b`ebda mod ma kien ir-rikorrent imcahhad mid-dritt ghal smigh xieraq jew mid-dritt ta` appell.

Din il-Qorti tqis l-ewwel il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent dwar l-effetti li d-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) jista` jkollha fuq id-dritt tieghu ghal-liberta` personali.

Tghid illi din il-konsiderazzjoni mhijiex il-pern tal-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha. Fil-pajjiz taghna, hija vigenti s-saltna tad-dritt (*the rule of law*). Mela ladarba r-rikorrent kien marbut b`ordni ta` qorti li jhallas manteniment, ir-rikorrent ma kellu l-ebda jedd illi minn rajh, u ghax hekk kien tal-fehma, jaghzel illi ma jobdix dik l-ordni, ghax ighid illi l-mezzi tieghu nbidlu b`mod illi ma jistax jibqa` jhallas dak il-manteniment illi kien ordnat illi jhallas mill-qorti. Dment illi dik l-ordni tibqa` fis-sehh ir-rikorrent ma ghandu l-ebda jedd jinjoraha daqs li kieku ghalih mhijiex aktar veljanti. Per konsegwenza, ir-rikorrent ghandu jwiegeb ghall-inadempjenza, pruvata jew allegata, tieghu fil-*fora* opportuni inkluzi dawk ta` gurisdizzjoni penali. Fl-istess waqt ma jistax igib bhala skuzanti tieghu dik il-pretensjoni fil-procidment tal-lum.

Din il-Qorti se tghaddi issa ghall-mod kif il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qieset it-talba tar-rikorrent ghal permess li jappella.

Din il-Qorti ssib li fil-konduzzjoni tal-procedura ma sehh l-ebda *actual prejudice* fil-konfront tar-rikorrent, u baqghu mharsa d-drittijiet u l-garanziji kollha tieghu ghal smigh xieraq.

Ma jirrizultax illi quddiem il-qorti fit-trattazzjoni tar-rikors ghal permess li jsir appell ma kienux garantiti l-i*standards* ta` gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta` *the rule of law.* Ma jirrizultax illi r-rikorrent kien privat mid-dritt ta` appell. Impregudikat jibqa` d-dritt tar-rikorrent illi jerga` jitlob fil-futur lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) varjazzjoni jew xorta ohra tad-digriet dwar il-manteniment *pendent elite* jekk jipprova bdil fil-qaghda finanzjarja tieghu. Daqstant iehor mhuwiex pregudikat id-dritt tar-rikorrent illi jappella wara tinghata s-sentenza fil-mertu.

Li trid taghmel car din il-Qorti huwa b`riferenza ghall-istanza tar-rikorrent illi mhijiex qorti tat-tielet istanza.

L-iskop ta` din il-Qorti u, jekk ikun il-kaz, tal-Qorti Kostituzzjonali mhuwiex illi tirrevedi l-konkluzzjonijiet ta' fatt li ittiehdu fil-kors tal-process quddiem qorti "ordinarja".

F`**App. No. 1397/1988** deciza fl-4 ta` Novembru 1993, il-Qorti ta` Strasbourg qalet illi *in order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.*

Fil-kawza "**Valfracht Maritime Co. Ltd. vs Avukat Generali et**", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru 2006, inghad hekk –

*Certament l-odjerna procedura ma tistax tintuza biex tirretifika kwalunkwe nuqqas, ikun xi jkun ta' xi Qorti ohra, izda minflok hija procedura straordinarja li ghandha dejjem tigi ezercitata fil-parametri strett tad-dritt*

*fundamentali li allegatament ikun gie vjolat. F'dan il-kuntest huwa opportun li tigi citata silta mill-volum imsemmi Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, l-awturi jikkummentaw hekk dwar l'hekk imsejha "fourth instant" doctrine. Dan l-insenjament qieghed jigi enfasizzat hawn, ghaliex japplika, mutatis mutandis ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghal din il-Qorti meta jkunu qeghdin jezaminaw allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fil-konfront ta' xi Qorti jew tribunal iehor -*

*"Every month, the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.*

*The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third* ***or*** *fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6*."

Din il-Qorti hija tal-fehma li din tghodd ukoll fil-kaz tal-Kostituzzjoni.

Kif diga` kien imfisser, il-Konvenzjoni thalli f`idejn il-legislazzjoni nazzjonali l-materja ta’ kif u taht liema kondizzjonijiet dak li jkun jista` jressaq l-ilmenti tieghu quddiem Qorti jew tribunal kompetenti, basta li l-procedura ma tkunx tali li timponi restrizzjonijiet irragjonevoli ghall-ezercizzju tad-dritt.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tarax illi r-rikorrent kien sottopost ghal xi xkiel jew restrizzjonijiet dwar kif ghandu jressaq u jsostni t-talba tieghu ghal appell mid-digriet de quo.

Il-kompetenza ta` din il-Qorti hija li tara jekk ir-rikorrent inghatax smigh xieraq. Jirrizulta li r-rikorrent ressaq is-sottomissjonijiet tieghu, u l-fatt li dawk l-argumenti ma gewx abbraccjati mill-qorti, ma jfissirx li kien lez xi dritt tieghu.

Fl-assjem tal-kwistjoni, din il-Qorti tghid illi bil-provvediment taghha, il-qorti b`ebda mod ma esprimiet il-fehmiet taghha dwar il-kwistjoni fil-mertu b`tali mod illi b`dak il-provvediment ir-rikorrent seta` garrab pregudizzju ghall-esitu tal-istanza tieghu fil-mertu, u allura xi vjolazzjoni vera u reali tal-jeddijiet fundamentali tieghu.

Huwa pacifiku illi l-Art.6(1) tal-Konvenzjoni ma jiggarantix dritt ta` appell minn decizjoni ta` qorti. Fil-kaz tal-lum, il-qorti hija sodisfatta illi bil-provvediment taghha de quo, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma pprivatx lir-rikorrent mill-jedd ta` appell fil-kazi previsti mil-ligi nkluz wara s-sentenza dwar il-mertu.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk :**

**Tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati fejn dawn jirrigwardaw l-ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimati fil-mertu.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-20 ta` Dicembru 2011 (fol 92 sa 95 tal-process) fejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrent ghal mizura *interim* kif mitluba mir-rikorrent fl-istess udjenza.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotorju.**

**Tikkundanna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------